# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 12 ta' Gunju, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Wayne Delia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Wayne Delia ta' 30 sena detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 574785M fejn huwa gie akkuzat talli:-

1. Fl-24 ta' Mejju 2016 u/jew fil-granet ta' wara, minn gewwa dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' vettura ta' ghamla Ford mudell Transit kulur silver bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro u/jew persuni ohra; liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bix-xorti tal-haga misruqa tal-261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-istess cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistat b' reat, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi vann Ford Transit bin-numri ta' registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro u dan skond Art 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fit-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 16:15hrs b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura ta' ghamla Kia bin-numri ta' registrazzjoni BCD-625 ghad-dannu ta' Alison Harmsworth skond Art. 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fit-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta tal-16:15hrs b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura ta' ghamla Ford Transit bin-numri ta' registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro skond Art. 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Fit-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta tal-16:15hrs saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 tal-ghamla Ford Transit minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtorita'

kompetenti u wkoll saqha b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz bi ksur tal-Sez 15(1)(a), 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Kif ukoll talli fl-istess data, f' dawn il-gzejjer uza jew gieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 tal-ghamla Ford Transit fit-toroq kemm –il darba, meta ma sehhitx polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-Art.3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Probation moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D fl-20 t' Ottubru, 2015
8. Ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Probation moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Vella LL.D fl-14 t' April, 2016
9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D fit-2 ta' Frar, 2015
10. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrat kif preseduta mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D fl-4 ta' Frar, 2015

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Wayne Delia bhala recidiv a tenur ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-26 ta' Mejju, 2017 (esebita a fol. 405 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1) Fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Fl-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Fl-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) Fl-artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) Fl-artikoliu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) Fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
8) Fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
9) Fl-artikoli 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10) Fl-artikoli 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12) Fl-artikoli 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tas-27 t' April, 2018 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' vettura tal-marka Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni EBS305 li sehh fil-24 ta' Mejju 2016 ghad-dannu ta' George Harmsworth kif ukoll hsara involontarja kagunata f' incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Gunju 2016 fejn kienet involuta il-vettura misruqa. Fit-2 ta' Gunju 2016 dahlet telefonata il-control room fejn pulizija pajzan irrapporta li kien lemah f' Hal Luqa van Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni EBS305 li kien irrapurtat misruq. Ix-xufier tal-vann induna li kien qieghed jigi segwit minn PC 1189 u PS 1074 u prova jisgicca billi beda jsuq fin-nofs tat-triq u jaqbez il-karozzi. Il-vann inqabad fit-traffiku u PC 1189 mar mat-tieqa tax-xufier li kien liebes gakketta florescent u gharfu bhala l-imputat odjern Wayne Delia. Dan is-sewwieq kompla jsuq il-vettura sakemm il-Pulizija tilfuh. Sussegwentement il-vann instab mahbut ma' vettura Kia Picanto fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Monsinjur G Debono, Hal Luqa. PS 1074[1] ra l-van ghaddej minn Triq il-Gdida qabel ma sehhet il-habta liema triq hija triq one way. Fl-akkwata fejn sehh l-incident, l-imputat waqqaf lil PC 1189 u PS 1074 li ttenta jizvijahom. Kif il-Pulizija kienu ser jinzlu mill-vetturi taghhom l-imputat kien ser jahrab izda lahaq gie arrestat. Minn tfittxija li saret fuqu dak il-hin instabu fuq il-

[1] Xhieda fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2016 (a fol 55 sa 61 tal-atti processwali)

persuna tieghu par ingwanti, naha rubber u naha carruta. PC 509 arresta l-passiggier certu Nicholas Kremoss u li kien liebes flokk griz u gakketta fluorescent. In kontro-ezami fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2018 PC 1189 xehed (a fol 409 sa 414 tal-atti processwali) li meta mar hdejn it-tieqa tax-xufier gharaf lill-imputat li dak il-hin ma kienx liebes ingwanti u jdejh kienu wahda fuq l-isteering u l-ohra fuq il-gear lever.

Illi fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2016 xehed George Montanaro (a fol 68 sa 75 tal-atti processwali) li spjega li fl-24 ta' Mejju 2016 insteraqlu l-vann Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni EBS 305 u xi ghodda mill-garaxx li jinsab fi drive fi Triq tal-Qattus Birkirkara. Il-garaxx kien jinghalaq bir-remote pero l-lokkijiet ma kinux jinghalqu. Meta nstab il-van, l-ghodda l-misruqa ma nstabitx. Il-van sofra hsarat meta nhareg mid-drive kif ukoll minhabba l-habta liema hsarat kienu jammontaw ghal circa €3,000.

Illi fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2016 xehdet Alison Harmsworth (a fol 76 sa 79 tal-atti processwali) li hija s-sid tal-vettura Kia Picanto li spjegat li fit-2 ta' Gunju 2016 kienet involuta fil-habta mal-van Ford Transit mertu ta' dan il-kaz. Meta sehh l-incident rat zewgt irgiel, wiehed minnhom l-imputat, nezlin minn gol-vann u jipprocedu ghal sqaq vicin. Ix-xhud qalet li dakinhar l-imputat kien liebes t-shirt, shorts u hwejjeg florexxenti. Fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2016 ix-xhud esebit survey report rigward il-hsarat tal-vettura taghha mahruga mill-Malta Insurance Bureau (Dok. AH a fol 128 tal-atti processwali) minfejn jirrizulta li l-hsarat jammontaw ghal €2,900. Fl-udjenza tad-9 t' Ottubru 2018 in kontro-ezami (a fol 439 sa 442 tal-atti processwali) kkonfermat li quddiem il-perit tekniku John Sacco kienet xehdet li x-xufier tal-vann kellu madwar 45 sena, kien fartas, liebes qmis

beige u shorts u sidrija kulur ahdar. Minkejja li l-imputat kien jidher ftit differenti mill-persuna li kienet rat dakinhar ix-xhud ikkonfermat li l-imputat kien ix-xufier tal-van.

Illi fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2017 gie esebit il-process verbal 494/2016 bhala Dok. GA1 (a fol 89 sa 124 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2018 xehed l-Ispettur Roderick Spiteri (a fol 421 sa 437 tal-atti processwali) fejn qal li huwa ra s-CCTV mehud fl-akkwata ta' Triq il-Qattus, Birkirkara li fih jidhru zewg persuni dehlin fil-garaxxijiet izda ma setghax jikkonferma li tali l-persuni kienu l-istess persuni li  hargu mill-garaxx ghaliex il-filmat m' huwiex car bizzejjed. Fir-rigward tal-passigier li kien fil-vann l-Ispettur Spiteri spjega li mill-investigazzjonijiet li ghamel irrizulta li dan kien certu Nicholas Kremoss u qal li ma ttiehdux proceduri fil-konfronti tieghu in kwantu jirrigwarda l-fatti li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern.

Fl-udjenza tal-14 ta' Settembru 2016 xehed PS 1480 Sandro Mallia (a fol 176 u 177 tal-atti processwali) li esebixxa rapport tal-habta u sketch (Dok. SM1 u SM2 a fol 178 sa 185 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2016 xehed PC 1525 (a fol 190 sa 191 tal-atti processwali) li kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 14 tal-process verbal dwar is-serqa mill-garaxx numru 21/22 fi Triq il-Qattus, Birkirkara li saret fl-24 ta' Mejju 2016 fejn huwa eleva impronti digitali minn bagoll tal-vettura

BMW ACD 017 li kienet tinsab fl-istess garaxx u mill-bieba ta' gewwa taht bank tal-ghodda.

Illi fl-istess udjenza xehed PC 813 Clinton Vella (a fol 192 sa 193 tal-atti processwali) li qal li fit-2 ta' Gunju 2016 gie msejjah fuq recovery tal-vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni EBS305 li kienet tinsab fi Triq San Pawl, Hal Luqa. Ix-xhud kien Scene of the Crime Officer u ha fibre tapings minn fuq is-sedil tax-xufier u tal-passigier, DNA samples elevati mill-isteering wheel, handbrake, gear lever u helmet u 5 lifters ta' impronti digitali li nstabu kemm fuq gewwa u anki fuq barra tal-vettura. Ix-xhud esebixxa r-rapport tieghu bhala Dok. CV1 u CV2 (a fol 194 sa 204 tal-atti processwali). Dakinhar tal-incident PC 1491 Kurt Attard li xehed fl-istess udjenza (a fol 206 tal-atti processwali) kkonferma li ha 26 ritratt u prezenta r-rapport b' kopja tar-ritratti bhala Dok. KA1 a fol 208 sa 212 tal-atti processwali.

Illi fl-udjenza tal-14 t' Ottubru xehed PS 1270 Antoine Zammit (a fol 213 sa 214 tal-atti processwali) fejn qal li fl-24 ta' Mejju 2016 dahal ir-rapport tas- serq tal-vann in dizamina minn George Montanaro. PS 1270 spjega li huwa mar fuq il-post minn fejn insteraq il-vann u ra CCTV footage ta' residenzi fil-vicin. Mill-footage jidher li ghall-habta tal-4am fid-drive tal-garaxxijiet li tinsab fi Triq il-Qattus, Birkirkara dahlu zewgt irgiel u ftit tal-minuti wara jidher il-vann hiereg. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport maghmul minn George Montanaro (Dok. AZ1 a fol 215 sa 219 tal-atti processwali). In kontro ezami fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2018 xehed (a fol 445 sa 450 tal-atti processwali) li meta mar hdejn il-garaxxijiet ra xi daqqiet fuq ic-cint faccata tal-garaxx. Mit-tfittxija li saret rrizulta li hafna

mill-ghodda li kien hemm thallew f' posthom. Dan ix-xhud ikkonferma li kien hemm aktar minn CCTV camera wahda fl-akkwata tal-garaxx izda qal li huwa ra biss CCTV footage wiehed. Dejjem in kontro-ezami huwa spjega li mill-footage waqt li kien hiereg il-vann ma setghax jigi determinat jekk il-persuni li kienu dahlu fil-kumpless ftit tal-hin qabel kinux l-istess persuni li kienu jidhru fil-vann.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2016 xehed il-PL Mario Buttigieg (a fol 226 sa 227 tal-atti processwali) li gie nominat fil-5 ta' Lulju 2016 sabiex jezamina l-vettura EBS 305 tal-ghamla Ford Transit u jistabilixxi l-valur tal-hsarat u l-valur tal-vann misruq. Huwa prezenta r-rapport tieghu (Dok. MB1 a fol. 228 sa 238 tal-atti processwali) u spjega li l-valur tal-hsarat kien ta' €1,700.36. Mill-ezami tal-intern tal-vettura rrizulta li t-tapezzerija kienet nieqsa. Jekk din kienet nieqsa, mill-ammont ta' €1,700.36 trid tonqos is-somma ta' €213.95. Il-PL Buttigieg shabbily li l-valur tal-vettura huwa ta' circa €9,015.78.

Illi fl-udjenza tat-28 ta' April 2017 xehed l-espert Joseph Mallia (a fol 369 u 370 tal-atti processwali) li gie nominat fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2017 sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-lifters elevati mill-vann misruq u mill-garaxx minn fejn insteraq il-vann u l-impronti digitali tal-imputat. Fir-rapport tieghu esebit bhala Dok. JM1 (a fol 371 sa 384 tal-atti processwali) ikkonstata li l-ebda impronta elevata mill-garaxx u mill-van Ford Transit ma kienet taqbel ma' dik tal-imputat.

Illi fl-istqarrija mehuda lilu l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet kollha li sarulu. Huwa xehed fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2019 (a fol 464 sa 472 tal-atti processwali) fejn qal li huwa ma jaf xejn dwar is-serqa tal-Ford Transit in dizamina. Fir-rigward tal-incident awtomobilistiku tat-2 ta' Gunju 2016 xehed li hu u Nicholas Kremoss kienu laqghet f' April 2016 l-Isptar Monte Carmeli u kienu sabu xoghol fil-kostruzzjoni ftit qabel it-2 ta' Mejju 2016. Huma kienu wkoll jikru appartament bejniethom. Dakinhar tat-2 ta' Gunju 2016, Nicholas Kremoss qam qabel l-imputat u nizel jistennih barra. L-imputat prepara ghax-xoghol u sab lil Nicholas Kremoss jistennieh fil-vann Ford Transit. Kremoss kien qallu li dan kien vann ta' habib tieghu. Wara l-gurnata tax-xoghol, Nicholas Kremoss kien qieghed isuq il-van mertu tal-kaz. Meta waslu hdejn id-Dinitrol, Nicholas Kremoss sema' s-sireni u ghafas il-gass bl-addocc. Sussegwentement Nicholas Kremoss habat f'vettura, nizel mill-van u telaq jigri. L-imputat jghid li huwa harab fid-direzzjoni opposta u li meta ra l-Pulizija ghamlilhom sinjal li kien hemm habta u gie arrestat.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq, ricetazzjoni, sewqan traskurat, sewqan minghajr licenzja u polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi u li kkommetta delitt waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation u ksur ta' kundizzjonijiet impost permezz ta' digriet ta' helsien mill-arrest. Id-Difiza tissottometti li kien Nicholas Kremoss li seraq il-vettura Ford Transit in dizamina u kien huwa li kien qieghed isuq din il-vettura dakinhar tat-2 ta' Gunju 2016. L-istess Difiza ssostni li t-tezi

taghha hija korroborata mill-fatt li l-ebda mill-lifters elevati mill-vann misruq u mill-garaxx minn fejn insteraq ma qablu mal-impronti digitali tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni il-Prosekuzzjoni resqet bhala prova stills tas-CCTV footage mehud minn cameras installati f' residenza li tinsab vicin tal-kumpless ta' garaxxijiet minn fejn insteraq il-vann fejn jidhru zewg individwi dehlin fil-kumpless ta' garaxxijiet u sussegwentement il-van Ford Transit irrapurtat misruq hiereg mill-istess kumpless. Kemm l-Ispettur Roderick Spiteri kif ukoll PS 1270 Antoine Zammit ikkonfermaw li l-persuni li jidhru fil-vettura ma jintgharfux. Il-Qorti fliet bir-reqqa r-ritratti esebiti u tqis li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien wiehed mill-individwi li jidher hiereg bil-vann de quo fil-gurnata u hin li dan insteraq. Apparti l-fatt li mill-filmat wiehed ma jistax jidentifika l-persuni, l-provi ndizzjarji konsistenti fil-lifters elevati mill-bagoll tal-vettura BMW ACD 017 li kienet tinsab fil-garaxx u minn bieba taht il-bank tal-ghodda ma qablux mal-impronti tal-imputat. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti jidrilha li tirrizulta r-rejita' tal-imputat in kwantu jirrigwarda t-tieni mputazzjoni u cjoe dik ta' ricetazzjoni. Id-Difiza fir-rigward ta' din l-imputazzjoni tissottometti li l-imputat ma kellux il-pussess tal-vann li gie misruq stante li dan kien fil-pussess ta' terza persuna – Nicholas Kremoss. L-imputat xehed li dakinhar tat-2 ta' Gunju 2016, Nicholas Kremoss qallu

li l-van kien ta' habib tieghu u huma marru x-xoghol bih u li wara x-xoghol kien Nicholas Kremoss li kien qieghed isuq il-vann u mhux l-imputat. Il-Qorti min-naha l-ohra jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta pruvat oltre kull dubju dettat mir-raguni li x-xufier tal-vann fit-2 ta' Gunju 2016 kien l-imputat u mhux Nicholas Kremoss. Mill-provi fil-fatt irrizulta li meta l-vann kien ostakolat bit-traffiku, PC 1189 mar fuq in-naha tax-xufier, fejn kellu vizwali cara tax-xufier, ra lill-imputat u gharfu minn kazijiet ohra fejn kien involut l-istess imputat. Huwa ntaghraf ukoll minn pulizija ohrajn li xehdu f' dawn il-proceduri kif riportat aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza. Illi inoltre Alison Harmsworth ikkonfermat li kien l-imputat li kien qieghed isuq il-vann fit-2 ta' Gunju 2016 ghalkemm qalet li dakinhar huwa kien jidher daqsxejn differenti. In kwantu ghall-provi ndizzjarji konsistenti fil-lifters li ttiehdu minn fuq il-vann misruq, mir-rapport esebit minn PC813 Clinton Vella jirrizulta li l-lifters gew elevati minn pilastru tal-bieba tal-passigier minn barra, mill-hgiega ta' wara min-naha tax-xellug u tal-lemin minn barra u minn fuq hgiega sitwata fil-kabina ta' wara. Ma jirrizultax li ttiehdu lifters minn fuq l-steering wheel jew minn fuq il-gear lever. Gja la darba l-imputat kien fil-pussess tal-van misruq u huwa ma kienx f' pozizzjoni jaghti raguni sodisfacjenti u gustifikabbli kif PC 1189 rah isuq il-vettura, il-Qorti jidrilha li tirrizulta r-rejita' ghar-ricettazzjoni u kwindi l-imputat ser jinsab hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

In vista tal-fatt li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien il-persuna li qed isuq il-vann fit-2 ta' Gunju 2016 ghandhom jirrizultaw pruvati wkoll it-tielet u r-raba' mputazzjoni u cioe' li bis-sewqan tieghu l-imputat ikkaguna hsara nvolontarja fuq il-vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro u fuq vettura

ta' ghamla Kia Picanto bin-numri ta' registrazzjoni BCD-625 ghad-dannu ta' Alison Harmsworth. Il-PL Mario Buttigieg, l-espert imqabbad fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali u f' dawn il-proceduri, xehed li mill-hsarat ikkonstatati fuq in-naha tax-xellug tal-vann irrizulta li l-ispejjez jammontaw ghal €1,486.41. Fir-rigward tal-vettura Kia Picanto, giet prezentata stima tal-hsarat mahruga mill-Malta Insurance Bureau li izda ma gietx ikkonfermata minn rapprezentant tal- Malta Insurance Bureau. Minkejja dan id-danni kkagunati huma ben vizibbli mill-varji ritratti esebiti.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 tal-ghamla Ford Transit minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtorita' kompetenti u wkoll talli saq b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz bi ksur tal-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", il-Qorti fissret kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.
>
> Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-

kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom.Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."

Illi dwar is-sewqan tal-imputat, kemm PC 1189 u PS 1074 xehdu li raw lill-imputat isuq b' velocita eccessiva fejn sahansitra beda jaqbez karozzi u dahal fi triq kontra s-sinjal tal-one way. Illi inoltre bhala rizultat ta tali sewqan l-imputat spicca sabiex habat fil-vettura KIA Picanto. Certament li l-manuvri ta' sewqan appena deskritti ma jikkwalifikawx bhala sewqan propju skont ir-regolamenti tas-sewqan. Tali sewqan jitqies bhala perikoluz u traskurat skont l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 stante li l-imputat deliberatament ha riskji fis-sewqan li ma kellux jiehu minhabba l-probabbilta` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi – hekk kif effettivament gara.

In kwantu ghas-sitt imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat li ma kienx kopert b' polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-Art.3(1) tal-Kapitolu 104. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Paul Mangion moghtija

fit-23 ta' Frar 2010 inghad li jaghmel sens li tenut kont li l-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jkun hemm l-inversjoni tal-prova kontra l-persuna akkuzata b' reat ta' sewqan minghajr ma jkun kopert b' polza ta' assikurazzjoni. L-imputat kellu jaghmel din il-prova biex jkun jista' jiddikjara li hu kien kopert skont il-ligi, haga li m’ghamilx.

In kwantu ghar-rimanenti imputazzjonijiet tirrizulta pruvata biss is-seba’ imputazzjoni stante li giet prezentata kopja tas-sentenza moghtija fil-konfronti tal-imputat datata 20 t’ Ottubru 2015. Min-naha l-ohra l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta kopji tas-sentenza li ssir referenza ghaliha fit-tlett imputazzjonijiet ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u li l-imputat ma jistghax jinstab hati taghhom.

Dwar l-addebitu tar-recidiva dan jirrizulta ampjament pruvat permezz tas-sentenzi esebiti a fol 148 sa 168 tal-atti processwali.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li huwa m’gharafx juzufruwixxi mill-varji opportunitajiet moghtija lilu minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta’ Mejju 2017 u senjatament l-Artikoli 334(a), 279(b),328(d), 49, 50, 17, 20, 31, 542A, 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 7 u 23

tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tminn (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' Elfejn seba' mija tlettax –il Ewro u sitta u erbghin Ewro centezmi (€2713.46c)[2] liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela
Deputat Registratur

[2] Rapporti John Sacco pg 228 - 238 €408.52c, pg 241 – 263 €869.90c, pg 270-335 €875.91, Rapport Joseph Mallia pg 371-384 €559.13c